**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 601/2016 CFF**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Saviour Baldacchino)**

**Vs**

**Clyde Mallia**
**Mario Mallia**

**Illum 12 ta' Jannar, 2017**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Clyde Mallia detentur tal-karta tal-identita' numru 439899M,

u

Mario Malli detentur tal-karta tal-identita' numru 19998M

Billi huma akkuzati talli f'xi hin bejn l-24 u s-26 ta' Frar, 2013 fil-ghaxija gewwa l-Kappella ta' Santu Kristu fi Triq il-Belt Valletta gewwa Ghaxaq:

1. Ikkommettew serq ta' zewg t'iqniepen antiki kif ukoll xi cable tar-ramm, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li huwa izjed minn €2, 329.27, bil-hin u bil-lok ghad-dannu ta' Fr. Mario Said u/jew persuni jew socjetajiet ohrajn; skond artikoli 37(2), 261(b)(c)(e)(f), 263(a), 264(1), 267, 269(a), 270, 271(g), 280(2), 281(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Xjentement, jew b'negligenza, nuqqas ta' hila jew ta' osservanza ta' regolamenti ikkagunaw dannu lil jew qerdu proprjeta' kulturali u cioe' zewgt iqniepen antiki u dan bi ksur tal-Art. 53(1)(a) tal-Kap 445 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Kissru, garrfu, sfiguraw jew b'xi mod iehor ghamlu hsara lil monument, statwa jew oggetti ohra ta' arti li qeghdin ghall-vantagg pubbliku jew ghat-tisbih pubbliku u li kienu gew imwaqqfin mill-awtorita' pubblika u cioe' fuq zewgt iqniepen kbar antiki li kienu mdendla fuq il-kampnar tal-istess kappella u dan bi ksur tal-Art. 37(2), 161 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-ufficjal prosekutur qara u kkonferma bil-gurament l-akkuzi fil-konfront ta' l-imputati fis-seduta datata 12 ta' Jannar, 2017.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', ic-certifikat tat-twelid taz-zewg imputati, il-fedina penali aggornata taz-zewg imputati, current incident report, stqarrija rilaxxjata minn Clyde Mallia u stqarrija rilaxxjata minn Mario Mallia.

Wara li sar l-ezami ta' l-imputati ai termini ta' l-artikoli 390(1) u 392 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputati wiegbu li huma hatja ghall-akkuzi kif dedotti kontra taghhom.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputati ghall-akkuzi kollha kif dedotti kontra taghhom u kif registrata fit-tieni seduta quddiem din il-Qorti kif preseduta.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputati b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghhom u tathom zmien xieraq biex jekk iridu, setghu jergghu lura minnha u fil-fatt huma regghu tennew l-istess ammissjoni taghhom.

Il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 392A(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fid-dawl ta' l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ta' l-imputati pprocediet biex tiddeciedi fuq il-mertu tal-kaz u konsegwentement ikkonvertiet f'Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni ta' l-imputati stess, il-Qorti ssib lill-imputati hatja ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputati u l-fatt li huma mill-ewwel ikkoperaw mal-Pulizija u dan jirrizulta wkoll mill-istqarrijiet li irrilaxxjaw l-imputati lill-Pulizija[1].

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 37(2), 261(b)(c)(e)(f), 263(a), 264(1), 267, 269(a), 270, 271(g), 280(2), 281(c) u 161 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 53(1)(a) tal-Kap 445 tal-Ligjiet ta' Malta, qeghda ssib lill-imputati hatja ta' l-akkuzi kollha kif migjuba kontra taghhom u tikkundannhom ghal perjdou ta' hmistax (15)-il xahar prigunerija li bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qeghdin jigu sospizi ghal sentejn (2), kif ukoll multa ta' hames mitt Ewro (€500) kull wiehed liema multa ghandha tithallas fi zmien hamsa u ghoxrin (25) xahar permezz ta' pagamenti mensili ta' ghoxrin ewro (€20) fix-xahar u l-ewwel pagament ghandu jkun fit-12 ta' Frar, 2017.**

[1] Ara fol 10 u fol 12 tal-process

Ai termini ta’ l-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti spjegat fi kliem semplici l-portata tas-sentenza moghtija ai termini ta’ l-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ai termini ta’ l-Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti tordna li din is-sentenza flimkien ma l-atti tal-proceduri jigu mghoddija lill-Avukat Generali ai termini tal-Ligi.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**